

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9522/22

CDR 59

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Latvja, fil-Kumitat tar-Regġuni - Adozzjoni

1. Permezz tal-ittra tad-19 ta' Ottubru 2020, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Olga VEIDIŅA, membru supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni, ġiet proposta għall-ħatra.¹
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Olga VEIDIŅA, il-Gvern Latvjan ippropona² lis-Sa Justīne PANTELĒJEVA, rappreżentanta ta' korp lokali b'mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru, Kunsill tal-Belt ta' Riga), bħala membru tal-Kumitat tar-Regġuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

¹ 5403/21.

² 9472/22.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 9491/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-